**Minuti tal-għaxar (10) laqgħa tas-Seba' Kunsill Lokali Nadur**
**Nhar il-Ħamis, 13 ta' Settembru, 2012 fit-3:00 p.m.**

Preżenti:-

| | |
|---|---|
| Charles Said | Sindku |
| Eucharist Camilleri | Viċi Sindku |
| Josianne Cutajar | Kunsillier |
| Maria Natoli | Kunsillier |
| *Rita Mifsud Attard* | *Segretarju Eżekuttiv* |

Miriam Portelli informat lill-Kunsill li ma setgħetx tattendi minħabba mpenji oħra.

-----------------------------------------------------------------------------------------------------

1. **Bidu tal-laqgħa.** Il-laqgħa bdiet b'diskussjoni ma ħames bdiewa li attendew għall-laqgħa biex jiddiskutu il-gandott ta' l-ilma tax-xita li qed issir f'Wied Bingemma. Huma ilmentaw li l-ilma tax-xita qed jintremma. Is-Sindku informa lil dawn il-bdiewa li x-xogħol qed issir skond il-parir tal-Perit. Barra hekk is-Sindku nforma lil dawn il-bdiewa li avviċinawh diversi bdiewa oħra li huma kuntenti ħafna bil-mod li qed issir dan il-gandott. Il-bdiewa preżenti talbu li jsiru xi toqob fil-konkos tal-gandott sabiex ikun jista' jidħol l-ilma tax-xita ġol-biren tagħhom. Din għandha tiġi diskussa mal-Perit. Wara din id-diskussjoni il-bdiewa ħarġu mill-laqgħa.

2. **Talba.** Il-laqgħa tkompliet bit-talba.

3. **Minuti.** Il-minuti tal-laqgħa numru disa (9) tas-seba' Kunsill ġew ikkoreġuti, approvati, iffirmati u ddikjarati bħala dokumenti uffiċċjali.

4. **Laqgħa tac-Charter.** Għall-laqgħa tac-Charter taż-żgħażagħ li ser issir bejn 4-7 ta' Ottubru fir-Rumania ser jattendu Therese Finger u Frankie Meilak.

5. **L-Ewropa fuq ir-Roti.** Peress li ma kienx hemm ħafna konkorrenza għal ħarġa imsemmija din ġiet postposta għall-Novembru. L-organizzatur ta' din il-ħarġa ser ikun imsiefer u talab li tiġi posposta ukoll, minn naħa tiegħu.

6. **Duplicator.** Il-Kunsill għażel il-kwotazzjoni ta' Crownee għad-duplicator wara li din ġiet aprovata mill-persuna tekniku. Din il-kwotazzjoni hija l-aktar waħda vantaġġjuża bil-prezz ta' €3402.

7. **Traffic Mirrors.** Maria Natoli talbet sabiex ikun hemm mirji tat-traffiku fil-kantunieri ta' Triq Għajn Qasab ma' Triq tal-Ħali u Triq ir-Ramla ma' Triq

Ghajn Qasab (fejn is-supermarket). Il-Kunsill għandu jitlob lit-Transport Malta u Roads Department għal dawn il-mirji.

8. **Triq ir-Ramla.** Il-Viċi Sindku ġibed l-attenzjoni dwar id-diskussjoni li saret fl-aħħar laqgħa fejn il-Kunsill iddeċieda li joħroġ call for tenders għax-xogħol ta' resurfacing ta' Triq ir-Ramla, fost l-oħrajn. Hu qal li wara li mar fuq is-sitt innota li din it-triq hija twila ħafna u l-Kunsill mhux ser ikun jista' jagħmel dan ix-xogħol kollu f'darba minħabba nuqqas ta' fondi. Għalhekk hu ssuġġerixxa li din it-triq issir f'biċċiet.

9. **Korrispondenza:**

(4354) Ittra mid-Dipartiment tal-Customer Services Sezzjoni għall-anzjani u bżonnijiet speċjali dwar kors tal-Universita tat-Tielet eta
(4355) Email mingħand Margerita Pule dwar V.18
(4356) Ittra mill-Gozo Greyounds Youth Athletic Club dwar attivita għat tfal
(4357) Ittra mit-Transport Malta dwar Reserved Parking Bay
(4358) Email mingħand Reel * Productions ltd. dwar dokumentarju "Colours: Carnival in Gozo"
(4359) Email mingħand Marco Attard (Beach Cleaning Section) dwar bankijiet
(4360) Email mingħand Catherine Brincat dwar formola għan-nominazzjoni Anzjan tas-Sena 2012
(4361) Email mingħand il-Kunsill ta' L-Isla dwar grupp ta' l-Eden fin-Nadur
(4362) Email mingħand Marco Attard (beach cleaning) dwar hsarat f' San blas

10. **Green MT.** Il-Kunsill irċieva korrispondenza minn ghand Joe Attard tal-Green MT fejn talab biex il-Kunsill jġedded il-kuntratt tiegħu mal-Green MT għas-servizz tal-ġbir ta' skart riċikklabbl. Il-Kunsill iddeċieda li l-ewwel il-Green MT għandha tħallas il-kontijiet pendenti li għandha mal-Kunsill u wara l-Kunsill jiddeċiedi jekk hux ser iġedded dan il-kuntratt.

11. **Child Day Care Centre**. Għal din il-parti tal-laqgħa attenda l-Arċipriet Jimmy Xerri. L-Arċipriet informa lill-Kunsill li hu interressat li jgħin lil Kunsill sabiex ikun hawn Child Day Care centre fin-Nadur u lest li jagħti spazju fejn dan jista' jsir. Iżda l-postijiet li jista' joffri jridu jintużaw għal skopijiet oħra u għalhekk ikun hemm il-ħtieġa li l-affarijiet li jintużaw għac-Child Day Care Centre jiżarmaw kuljum u jerġgħu jintramaw. Il-Kunsill għandu jerġa jikkuntattja lil-Ministeru ta' l-Edukazzjoni sabiex naraw it-talba tagħna biex ic-Child Day Care Centre issir fil-bini ta' l-Iskola Primarja tan-Nadur fejn waslet. Jekk il-Kunsill ser juża il-propjeta tal-parrocca għandha ssir talba formali lill-parroċċa.

12. **Tabelli u Sinjali.** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand it-Transport Malta fejn il-Kunsill ġie informat li is-sinjali sofor fi Triq ta' Hida ġew approvati. Maria Natoli talbet li teħel tabella (Dead End) fit-tarf ta' Triq tad-Duru (diġa kien hemm waħda iżda nsterqet.)

13. **EDEN.** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand il-Kunsill ta' l-Isla (rebbieħ tal-premju EDEN). Huma ser jospitaw grupp mill-Lithuania

(rebbieħa tal-EDEN ukoll) u talbu li meta jagħmlu żjara f'Għawdex fit 18 ta' Settembru il-Kunsill joffri xi għajnuna għal din iż-żjara. Wieħed irrid jieħu inkonsiderazzjoni li l-Kunsill ta' l-Isla meta organizza żjara lejn il-Lithuania stieden lill-Folk Group tan-Nadur u dawn marru magħhom. Il-Kunsilliera qablu li l-Kunsill jorganizza ikla (BBQ) fil-Ġnien il-Kunsill bl-għajnuna ta' l-Għaqda Armar Triq Diċembru 13. Il-Kunsill ser joħroġ biljetti ta' l-ikel għal din id-delegazzjoni u wara jitħallsu mill-Kunsill.

**14. Bajja ta' San Blas.** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand il-foreman tal-beach cleaners dwar il-ħsara li sar mill-maltemp fejn riċentament twaħħal ir-railing. Il-foreman, Mark Attard issuġġerixxa li ssir bankina zgħira tal-konkos mar-railing sabiex ir-railing ma jaqax (dan peress li infetaħ gandott bl-ilma tax-xita). Hu talab li l-Kunsill iħallas l-ispejjes tal-konkos u x-xogħol issir mill-ħaddiema tiegħu. Il-Kunsilliera approvaw li dan ix-xogħol issir.

**15. Gozo Greyhounds Youth Athletic Club.** Il-Kunsill irċieva ittra mingħand Louis Debattista f'isem il-Gozo Greyhounds Athlethic Club. Hu wera l-interess li jorganizza attivita sportiva għat-tfal bejn l-eta ta' 5 u 16-il sena. Din l-attivita tkun bla spejjes. Hu jixtieq jiltaqa mas-Sindku u l-arċipriet jekk il-Kunsill hu interressat li din l-attivita issir. Din għandha ssir fl-aħħar ta' Ottubru jew sat-tieni ġimgħa ta' Novembru. Il-Kunsilliera huma interressati f'din l-attivita u s-segretarja għandha tinforma lis-sur Debatista dwar dan. Din l-attivita tista' tkun parti mill-attivitajiet ta' Jum il-Kunsill 2012.

**16. Me2.** Il-Kunsill ġie avviċinat minn l-ETC dwar programm tal-UE Me2 biex persuni b'diżabilita jiżviluppaw il-ħiliet tagħhom. Diġa hemm persuna interressat li jiġi jaħdem mal-Kunsill f'din l-iskema. Il-Kunsilliera qablu li jieħu sehem f'dan il-programm iżda l-persuna u l-ġenituri tiegħu iridu jiffirmaw dokument li jgħid li l-Kunsill mhux responsabbli jekk dan il-persuni issofri xi danni (injury, loss or damages).

**17. Colours – Carnival in Gozo.** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand Reel 8 Productions Ltd. dwar dokumentarju fuq il-Karnival tan-Nadur li qed issir biex jiġbed aktar turiżmu lejn Għawdex. Huma talbu l-għajnuna tal-Kunsill għal din il-produzzjoni. Il-Kunsill huwa interressat f'din il-produzzjoni.

**18. Springers.** Il-Kunsill ġabar kwotazzjonijiet għat-tibdil taż-żewġ springers (play equipment) li hemm fi Gnien il-Kunsill peress li dawn huma miksurin. Daħlu biss żewġ kwotazzjoni li huma ta':

JGC playon bil-prezz ta' €550 each li jinkludi l-VAT u installazzjoni
U
M-Quipp bil-prezzijiet minn €646.50 sa €1,015 li ma jinkludux installazzjoni.

Il-Kunsill għażel żewġ springers mingħand JGC Playon peress li dawn kienu l-aktar vantaġjużi .

19. **Wine Festival.** Gie diskuss il-Wine Festival. Peress li fl-aħħar ġurnata kien hemm ħafna maltemp u l-Wine Festival ma sarx, il-Kunsill iddeċieda li jagħti lura parti mill-ħlas tal-istands ta' ikel. Il-Kunsill ser jagħti €60 lil dawk is-stands li ħalsu €345 u r-ristorant u €40 lil dawk li ħalsu €200 jew kellhom prezz ridott tal-istands ta' l-ikel. Dawk li ħallsu inqas minn €200 mhux ser jingħataw refund. Il-Kunsill xorta irrid iħallas id-dawl u sistemma tal-PA għal din il-ġurnata peress li dawn kienu diġa armaw.

20. **Car Free Day.** Is-Sindku ppreżenta l-programm ta' Car Free Day li ser issir nhar il-Ħadd 16 ta' Settembru. Il-Kunsill ingħata €2000 mill-MEPA għal din l-attivita.

21. **Laqgħa tas-Sotto Kumitat**. Għandha ssir laqgħa tas-sotto kumitat organizzativ nhar itl-Tieta 25 ta' Settembru sabiex jiġu diskussi l-attivitajiet ta' Jum il-Kunsill u affarijiet oħra. Fost l-attivitajiet pjanati għal Jum il-Kunsill hemm Kuncert mill-Fortisimo Brass Band. Is-Sindku ssuġġerixxa li dan issir fil-Knisja ta' Qalb ta' Gesu fi Triq il-Knisja. Premju Ġieħ in-Nadur ser jingħata waqt il-kunċert ta' San Kurunato fis-Sala MBC. Ser jiġi organizzat il-Blood Donation u l-Tournament tal-Football (Joe Tabone Memorial Football Tournament). Ser issir ukoll wirja ta' arti fis-Sala Joe Tabone.

22. **Affarijiet oħra.** Iis-Sindku u Josianne Cutajar qalu li hemm bżonn issir taħmil bil-JCB fil-Qortin kif ġie mitlub minn Dominic Falzon. Josianne Cutajar talbet sabiex il-passaġġ ta' Fredu Bugeja fi Triq it-Tiġrija jiġi mnaddaf. Is-Segretarja ġibdet l-attenzjoni li dan huwa passaġġ privat għaliex huwa magħluq b'xatba u għalhekk il-Kunsill ma jistax jnaddfu. Saret diskussjoni dwar dan. Il-Kunsilliera qablu li dan m'għandux jiġi mnaddaf mill-Kunsill jekk inhu privat. Josianne Cutajar talbet li jkun hemm lista tal-passaġġi li ser isiru mill-Kunsill għaliex hemm talba biex issir passaġġ ta' Chris Camilleri u ieħor ta' Josef Muscat. Is-Sindku qal li bħal issa l-Kunsill qed jagħmel xogħol f'Wied Bingemma u dan huwa l-priorita' tal-Kunsill. Fejn m'hemmx diġa passaġġ bil-konkos jeħtieġ li jkun hemm permess mill-MEPA. Josianne Cutajar semmiet ukoll it-talba ta' Anthony Portelli biex issir bankina ġdida u aktar wiesgħa fi Triq Grunju fejn faċċatta tal-kantuniera ma' Triq l-Emigranti. Is-Sindku ġibed l-attenzjoni li ma tistax titwessa din il-bankina għaliex tkun perikuluża peress li qegħda f'kantuniera. Maria Natoli ġibdet l-attenzjoni li hemm problema ta' l-ilma tax-xita fi Triq tad-Duru. Hemm bżonn li ssir taraġ jew rampa fil-passaġġ fi Triq ir-Ramla

Il-laqgħa ntemmet fis-6 p.m. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar it-Tlieta 9 ta' Ottubru fit-7.00 ta' wara nofsinhar.